**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**LAQGĦA NUMRU TLIETA U TLETIN**

**8 ta' JANNAR, 2013**

Il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia, l-Viċi Chairperson Maria Schembri u l-membri Jospeh D'amato, Annetto Bugeja u Joseph Caruana.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Ic-Chairperson Pierre Farrugia ppresjeda.

**33.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

33.1.1 Kien hemm qbil li l-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra jerġa jibgħat *reminder* lill-Perit tat-TM għall-approvazzjoni tar-*round hump* fi Triq Zakkarija Ronkali.

33.1.2 Fir-rigward ta' punt 32.1.2 kien hemm qbil li l-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra jitlob stima lill-Perit Lewis tal-proposta li għamel biex titneħħa l-problema tal-għargħar fi Vjal l-Indipendenza, issa li ser ikun aġġudikat tender ġdid.

33.1.3 Fir-rigward ta' punt 32.5.1 il-Membru Annetto Bugeja ssuġġeriġa li l-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra jikkonferma mal-Ministeru għar-Riżorsi Affarijiet Rurali li sar ix-xogħol ta' manutenzjoni tal-Imtali.

Kien hemm qbil fuq dan.

33.1.4 Fir-rigward ta' punt 32.5.2 is-Sur Joseph Caruana qal

li hu tkellem mar-resident li qed jipparkja fuq il-*yellow line* u dan infurmah li qed jagħmel hekk biex jevita xi inċident mill-Arriva li tolqot lil xi membru tal-familja tiegħu waqt li tkun qed iddur viċin il-bankina tar-residenza tiegħu.

Is-Sur Joseph Caruana ssuġġerixxa li ssir 'U' bar biex tipproteġi lir-residenti minn xi inċident. Hu qal li r-resident aċċetta li tali 'U' bar titwaħħal quddiem ir-residenza tiegħu.

Kien hemm qbil li jiġi ordnat ix-xogħol.

33.1.5 Fir-rigward ta' punt 32.5.3 il-membru Joseph D'Amato kkonferma li ser jieħu ħsieb il-każ hu.

33.1.6 Kien hemm qbil li fuq punt 32.5.6 il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra jerġa jibgħat *reminder* lit-TM biex jingħata risposta.

33.1.7 Il-Minuti tas-seduta numru 32 ġew approvati.

### *33.2 Komunikazzjoni miċ-Chairperson*

33.2.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li l-party tal-Milied tat-tfal ta' Bubaqra mar tajjeb ħafna u informa li t-tfal tal-istitut tan-Nigret reġgħu ma attendewx għall-party.

### *33.3 Rendikont tas-sena 2012*

33.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet rapport li ħejjiet u wara diskussjoni ġie emendat hekk kif maqbul. (Dok Mehmuż.1)

### *33.4 Data għal-laqgħa annwali*

33.4.1 Kien hemm qbil li d-data għal-laqgħa annwali tkun nhar it-Tlieta 22 ta' Jannar, 2013, fis.7.00pm fis-sala tal-kappella ta' Bubaqra.

Il-Viċi Chairperson Maria Schembri għandha tieħu ħsieb il-permessi mill-Arċipriet.

### *33.5 Xogħol pendenti u affarijiet oħra*

33.5.1 Il-membru Joseph Caruana qal li hemm bżonn isir *refresh* ta-marki tat-traffiku f'Bubaqra. Hu qal li x-xogħol jista jsir mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill mill-ETC/IPSL u jista jinbeda minn Misraħ Santa

Marija.

Kien hemm qbil fuq dan.

33.5.2 Il-membru Joseph Caruana qal li hemm bżonn *patching* fi Triq G M Callus. Hu insista li meta jkun ser jibda x-xogħol ta' patching f'Bubaqra kemm hu kemm il-membru Joseph D'Amato għandhom jiġu nfurmati minn tal-inqas minn ġurnata qabel.

Kien hemm qbil li s-Segretarju Eżekuttiv terġa tfakkar lill-Kuntrattur b'dan.

33.5.3 Il-membru Joseph Caruana ssuġġerixxa li l-fuljett 'Leħen Bubaqra' jibda jkun innumerat.

Kien hemm qbil fuq dan.

33.5.4 Il-membru Joseph D'Amato qal li hemm bżonn li madwar Triq il-Qiegħa isir *traffic management* biex ma jiġu evitati xi inċidenti tat-traffiku. Hu fiehem is-suġġerimenti tiegħu (pjanta mehmuża Dok.2) u kien hemm qbil li tali suġġerimenti jiġu mgħoddija lit-TM għall-approvazzjoni.

33.5.5 Il-membru Joseph D'Amato qal li ġie avviċinat minn residenti li joqgħodu fi Triq Morphou fejn infurmawh li qed ikun hemm vetturi pparkjati fuq il-bankina tal-istess triq, bil-konsegwenza li ma jkunux jistgħu jdawru fil-pjazzetta biex joħorġu għal Triq Nardu Sacco u minflok ikollom isuqu b'lura. Dan ir-resident ssuġġerixxa li jsiru *double yellow lines* biex ħadd ma jipparjkja.

Kien hemm qbil li l-membru Joseph D'Amato jmur fuq il-post u jressaq is-suġġerimenti tiegħu f'seduta oħra.

33.5.6 Il-membru Annetto Bugeja qal li hemm bżonn ta' patching fi Triq it-Torri fejn it-Tower ironmongery.
Kien hemm qbil li jiġi ordnat ix-xogħol.

33.5.7 Il-membru Annetto Bugeja qal li l-ħajt tat-torri ta' Bubaqra ġiet irranġata l-qoxra tiegħu biss. Hu ssuġġerixxa li l-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra jagħmel ilment mal-Mepa biex jistaqsi jekk ix-xogħol li sar hux skont kif titlob il-liġi.

Kien hemm qbil fuq dan.

### *33.6 Appuntament għas-seduta li jmiss*

33.6.1 Id-data tas-seduta li jmiss fuq qbil bejn il-membri kollha ser issir nhar it-Tnejn 11 ta' Frar, 2012 fil-5.30 ta' filgħaxija.

33.6.2 Il-laqgħa ntemmet b'dan l-*item* fuq l-aġenda fis-7.30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum ___ ta' FRAR, 2013.

Pierre Farrugia
**Chairperson**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**